# IR-RAZZETT

*minn Louis VASSALLO*



***Fil-qala tal-Aħrax, bil-ġebel u l-ħamri,***
***razzett bena Ġamri kif ħa lil Marì;***
***malajr il-għammiela fih bejtet u safret***
***ta' - ta', ta' - ta', tat - ti.***

Hekk kiteb il-poeta tan-natura, Anton Buttigieg, fil-poeżija 'IL-GĦAMMIELA TAR-RAZZETT'. Fiha jispikka kif il-Malti trabba u għex fi tbatija li minnha sawwar b'ħiltu, binja sħiħa ta' tagħlimiet u drawwiet. B'ħiltu u għerfu, għaraf jgħix kif jista' b'dak kollu li kellu fis-saltna tiegħu. B'dak kollu li n-natura madwaru offrietlu. Għax l-istorja u s-sbuħija tal-pajjiż ma tinbeniex fuq il-lussu tal-palazzi, il-kobor tal-vilel u r-rikkezzi tal-knejjes, biss. L-ambjent fejn għexet il-maġġoranza tal-poplu ħaddiem, għandu impatt qawwi fl-insiġ tal-kultura u t-tradizzjonijiet tagħna l-Maltin.

## Valur Kulturali



*Razzett tipiku Malti, maqtugħ għalih waħdu li jinsab qalb il-kampanja tal-Bidnija, limiti tal-Mosta.*
*(ritratt: Louis Vassallo)*

Ir-razzett tal-fqajjar Malti, hu ta' valur kulturali u, xi minn daqqiet, storiku, daqs kull palazz jew bini ieħor li ħalla isem fl-istorja twila u mqallba ta' Art Twelidna. L-irziezet, għalkemm nieqsa mill-imponenza tal-palazzi, jostru f'kull ġebla li bihom huma mibnija, il-mumenti ta' faraġ, it-tbatijiet, it-tradizzjonijiet u t-twemmin ta' missirijietna. Iżda jiġri, li għax f'għajnejn in-nies jidher komuni u sempliċi, allura l-interess jintilef. U meta dan jiġri, ikun ifisser li l-ammirazzjoni lejn il-bini rustiku tkun qed tgħib bil-mod il-mod. B'hekk ir-riżultat ikun suwiċidju fuq l-identita' tagħna, fejn wieħed mingħajr ebda sens ta' patrimonju, jibda jwaqqa' u jfarrak binjiet missirijietna. Minflokhom malajr jitilgħu blokki monstrużi tal-konkos, li tisthajjilhom 'dentatura mkissra'!

## Simbolu ta' Ħakma

Fi żmien meta s-Salib tat-Tmien Ponot, sar ifisser is-simbolu ta' ħakma ġdida għal dawn il-gżejjer, bosta mill-Maltin, irħewlha fil-widien, fejn sabu l-kenn tagħhom fl-għerien. Dan ġara minħabba nuqqas ta' sigurta' għal kontra l-ħbit tas-sibien tal-baħar. Eżempju tipiku ta' dawn il-binjiet fl-għerien, għadna nistgħu narawhom fil-Wied ta' San Niklaw, il-Mellieħa. Min jaf kemm il-darba ġew il-kursari u l-barbari jisirqu u jeqirdu l-bhejjem u jkarkru lsiera magħhom irġiel u nisa. Oħrajn fittxew is-swar tal-Imdina bħala l-protezzjoni tagħhom li kienet biss b'xorti kbira, li din il-belt ma kinitx meħuda mill-għadu. Mal-bidu tas-seklu XVII, permezz ta' pjan ta' tisħiħ fl-inħawi madwar il-Port il-Kbir b'sistemi tajba ta' fortifikazzjonijiet mill-Ordni, reġa' sar possibbli li l-bdiewa jirritornaw għall-irziezet u l-għelieqi tagħhom mingħajr biża' ta' xi assedju bħal dawk li ġraw fl-1551 u l-1565.

## Għamliet u Daqsijiet

Il-Maltin u l-Għawdxin ta' dari bnew l-irziezet tagħhom f'ħafna għamliet u daqsijiet minn ġebel tas-sejjieħ imkaħħal bil-ħamrija. It-taqsim ewlieni kien jikkonsisti li qrib tax-xatba, il-bieb prinċipali tar-razzett, kont issib ir-remissa fejn il-bidwi kien iżomm il-karettun u l-għodod. Fl-assenza tal-makkinarju mekkanizzat, xi ħmar, bagħal jew żiemel kien ikun meħtieġ biex jiġbed l-moħriet ħalli jaħrat ir-raba' jew biex iġorr l-karettun mgħobbi bil-frott u l-biegħa għal fejn kien meħtieġ. Imbagħad tilmaħ il-bitħa li tieħdok

għall-għorfa permezz ta' taraġ, b'setaħ quddiemu. Il-bitħa kienet iċ-ċentru tal-attivita` fir-razzett. Imdawwrin mal-bitħa kienu jibnu tip ta' kmamar żgħar għall-bhejjem li kienu jsejħulhom 'dwejriet' jew 'imqawel'. F'nofs il-bitħa, qrib il-ħerża tal-bir, kienu jpoġġu l-ħawt biex minnu jixorbu l-annimali u t-tjur. Il-bhejjem ma kienux jitħallew jiġru min-naħa għall-oħra tar-razzett mingħajr kontroll. Ma kienitx tonqos il-barumbara tal-ħamiem fuq il-bejt u l-kelb biex jgħasses sewwa l-bejta ta' sidu.

## Dekorazzjonijiet u Lavur



*Gallarija tal-ġebel bil-balavostri fi Triq il-Pont, il-Mosta. In-naħa tal-lemin tidher niċċa ta' qaddis minquxa fil-ġebla ratba u sabiħa tal-franka. (ritratt: Louis Vassallo)*

Għalkemm l-irziezet huma mneżża' mill-grandjożita` tal-palazzi, xorta waħda nsibu fihom xi forom ta' dekorazzjoni li kultant ikunu artistiċi wkoll. Ma nistgħux ma nsemmux l-gallariji tal-ġebel li juru l-ħila tal-Malti antik fl-isfruttar tal-ġebla ratba u sabiħa tal-franka. Fuq dawn il-gallariji, nsibu mnaqqxa diversi simboli u dekorazzjonijiet ta' bosta qaddisin. Xi drabi, niltaqgħu wkoll ma' niċeċ. Dawn wisq drabi nsibuhom fis-setaħ. Numru minnhom huma sempliċi għall-aħħar, nieqsa mill-immaġinazzjoni ta' xi valur arkitettoniku. Oħrajn huma aktar kreattivi u jinkludu lavur mill-isbaħ u statwi minquxa fil-ġebla Maltija ta' livell artistiku kbir.
Aspett importanti ieħor dwar l-arkitettura tal-irziezet hija l-orjentazzjoni tagħhom. Is-setaħ ikun dejjem iħares lejn in-nofs inhar. Dan sabiex ikun dejjem faċċata tax-xemx, kif ukoll sabiex ikun kenni mill-irjieħ kiesħa u qawwija li jaħbtu fuq il-gżejjer Maltin. Mhux ta' b'xejn li Bernard Rudofsky (kritiku barrani), meta ddeskriva r-razzett Malti sejjaħlu "architecture without architects"!

## Użu Ġdid

Il-*motto* tal-Mosta hu *"Spes Alit Ruricolam"* - jiġifieri "It-Tama tgħajjex il-bidwi". Dan juri biċ-ċar, li żmien ilu, il-biċċa l-kbira tal-poplu Mosti kien poplu ħawtiel, moħħu biss biex jaħdem l-art għammiela u jieħu ħsieb il-bhejjem tiegħu. Għalhekk ma setgħax jonqos li l-għamajjar tiegħu kienu l-irziezet - il-kenn komuni għall-maġġoranza tal-poplu ċkejken li fih kien jittama fis-setgħa qawwija tal-Missier Etern biex iħarsu mill-elementi tan-natura u mill-inkwiet tal-furbani. Illum, il-bdiewa Mostin naqsu drastikament. B'hekk, ir-razzett tilef l-użu oriġinali tiegħu. Fortunatament fil-Bidnija, limiti tal-Mosta, għadna naraw minn dawn l-irziezet ħelwin li wħud minnhom ġew modifikati u attrezzati biex fihom jgħammru persuni ta' nazzjonalita` barranija. Dan hu ta' min jinkoraġġih, dejjem jekk jiġi rispettat l-ispirtu ta' dawn il-binjiet, għaliex nistgħu nagħtu użu ġdid lill-wirt tagħna, filwaqt li nassiguraw il-ħarsien tiegħu.

## Karatteristiċi Maltin



*Razzett li jinsab taħt is-swar ta' l-Imdina, li ġie modifikat u attrezzat għall-ħajja tal-lum.. (ritratt: Louis Vassallo)*

B'sodisfazzjon ninnotaw, li għalkemm ninsabu fuq l-għatba ta' millennju ġdid, iċċirkundat minn progress bla limitu, qegħdin jissaħħu madwar l-arċipielagu Malti, għaqdiet illi jħabirku biex il-belt jew raħal tagħhom iżomm il-karatteristiċi tiegħu. Dan ma jfissirx illi jissieltu biex jeqirdu l-ġid u jxekklu l-

progress, iżda jaħdmu biex dak kollu li hu tradizzjonali u fl-istess waqt ta' fejda kulturali, jingħata l-importanza li tixraqlu fil-ħajja tal-lum. Hekk għamel Gabriel Caruana - ċeramista magħruf - li bil-ħidma ħiemda tiegħu u bla ebda pretensjonijiet żejda, biddel il-Mitħna ta' Ganu f'Birkirkara f'Ċentru ta' Arti. Hekk qegħda tagħmel l-Għaqda Filantropika Talent Mosti, li fir-razzett restawrat li fih tinsab is-sede tagħha, tistinka biex il-Maltin tal-lum jibżgħu għall-kultura tagħna, biex niesna ta' għada ma jinsewx sewwa sew it-triq li wasslet il-karatteristiċi tal-Malti biex jasal sa fejn waslu huma.


*Ir-Razzett tal-Markiż Mallia Tabone, fi Triq Wied il-Għasel, il-Mosta - fejn il-preżent jitwaħħad mal-imgħoddi biex jiġi espost il-karatteristiċi tar-raħal qadim. Illum il-ġurnata hu il-kwartieri ta' l-Għaqda Filantropika Talent Mosti u jinsab miżmum tajjeb ħafna.*
*(ritratt: Louis Vassallo)*

## Ir-Razzett ral-Markiż

Ir-razzett tal-Markiż Mallia Tabone - il-post minn fejn topera "Talent Mosti" - hu aktarx uniku u tradizzjonali. Fuq kollox hu lok li jaqbel tgħidx kemm mal-ħsibijiet u l-għanijiet li żżomm quddiem għajnejha l-Għaqda. Ir-razzett hu strument biex l-Għaqda tpoġġi fil-prattika, wieħed mill-ideal maġġura tagħha - dak li xxerred il-kultura popolari lill-aktar firxa wiesa' possibbli tal-komunita`. Sfortunatament, ir-razzett tal-Markiż kien ser jitwaqqa biex jagħmel il-wisgħa ħalli titkabbar l-Iskola Sekondarja tal-bniet 'Il-Ġilju tal-Widien'. Iżda b'xorti tajba, Dr. Daniel Micallef, li kien Ministru tal-Edukazzjoni, ħa passi biex il-post ma jitwaqqax. Aktar tard, Dr. Ugo Mifsud Bonnici intervjena biex ir-razzett jiġi restawrat. Illum, "Talent Mosti" bil-koperazzjoni tal-kunsill skolastiku tal-iskola msemmija, jinsab impenjat biex ikompli jippreserva dan il-wirt għażiż. Ir-razzett tal-Markiż, jaħbi ġrajja qadima imma kbira, ta' nies sempliċi li ħadmu l-art, kabbru l-ħxejjex u l-frott, stinkaw biex għexu mill-ħamrija għal sekli sħaħ u għarfu l-ħtieġa li jibnu l-kenn tagħhom bl-għaraq ta' xbinhom. Dan kollu jgħallimna li dak li għandna llum, ma waqax bħall-manna mis-sema, iżda ħa ż-żmien tiegħu biex ġie msawwar b'tant sagrifiċċji minn missirijietna.

*Referenzi:*
1) *Andrew P. Vella, **Storja ta' Malta**, (Interprint Ltd. 1979).*
2) *E.B. Vella u Oħrajn, **Storja tal-Mosta**, (Empire Press 1972, Ħajja Press 1986).*
3) *Carol J. Jaccarini, **ir-razzett, the Maltese Farmhouse**, (P.E.G. Ltd. 1998).*
4) ***L-Orizzont**, Suppliment dwar bini u propjeta`, (il-Ħamis, 7 ta' Mejju 1998).*
5) ***It-Torċa**, il-Ħadd Magażin/Tiġrib, (il-Ħadd, 15 ta' Novembru 1998).*

**FERRAĦ LIL ĦBIEBEK U QRABATEK B'CASSETTE TA' MARĊI BRIJUŻI MILL-BANDA NICOLÒ ISOUARD**